# Il-Vara ta' Sant'Elena f'Birkirkara

Anthony Saliba
President Banda Sant' Elena

Rajt diversi purċissjonijiet f'pajjiżna, kemm f'irħula u bliet żgħar u f'dawk akbar. Wieħed jinnota differenzi, kultant mhux żgħar, kif il-parruċċani jħarsu lejhom. Ngħiduha kif inhi, hemm festi li bla dubju jitolbu ħafna aktar enerġija u impenn sabiex isiru kif nafuhom aħna. Per eżempju, kull meta niltaqa' ma' xi ħadd mhux minn Birkirkara, l-aktar kumment li jolqotni huwa ta' dawk li qatt ma jkunu gawdew il-festa tagħna: "Jgħidu li mistgħaġbin x'festa tagħmlu, kemm tkun kbira u sabiħa."

Nhar il-Ħadd, 19 ta' Awwissu ta' din is-sena, ser nerġgħu niċċelebraw il-Festa tal-Patruna tagħna Sant'Elena, jum wara l-festa liturġika tagħha. Meta qed nitkeb dan l-artiklu, jidher u jinħass kemm l-ispirtu tal-festa beda jikber. Fil-festa ta' din is-sena hemm ċerti aspettattivi minħabba l-fatt li qed niċċelebraw il-175 sena minn meta l-vara artistika ta' Sant'Elena, xogħol ta' Salvu Psaila, daħlet fil-Bażilika ta' Birkirkara sabiex issir parti mill-patrimonju l-aktar għażiż għal raħalna.



## Valur artistiku tal-vara

Espressjoni komuni ħafna fuq fomm kulmin jara l-vara artistika ta' Salvu Psaila fil-jum tal-festa hija, 'Kemm hija sabiħa!" U naħseb li hija xi ħaġa impossibli għal min jaf jagħraf is-sabiħ minn dak li ma tantx jolqot l-għajn li jlissen xi kumment different quddiem il-presenza ta' din il-vara. B'danakollu tajjeb li wieħed jagħmel differenza bejn il-vara ta' Sant'Elena u l-persuna ta' Sant'Elena, li llum qiegħda fil-glorja ta' Alla tgawdi t-tajjeb u l-ġid li għamlet ma' tant nies f'ħajjitha, b'mod partikulari mal-foqra kif inkantaw fl-antifona tagħha. Għalhekk, il-vara tissimbolizza, fuq kollox, is-sbuħija spiritwali u l-ħajja nisranija awtentika ta' Sant'Elena.

Fil-vara ta' Sant'Elena jispikkaw tliet affarijiet li jolqtuni kull meta nħares lejha. L-ewwelnett, hemm ħarsitha, li tirrifletti ċerta serjetà quddiem il-preżenza ta' dak il-ġest l-aktar importanti li jrid jesprimi Salvu Psaila, jiġifieri, li l-valur ewlieni tal-vara huwa li Sant'Elena qed tqim u turi s-Salib Imqaddes lil kulmin iħares lejha. Għaliha, l-aktar ħaġa prezzjuża huwa s-Salib tal-Feddej, jiġifieri, dik l-imħabba infinita li Alla wera lill-bnedmin permezz ta' Ibnu fuq is-Salib. Hawnhekk, wieħed irid 'jaqra' l-vara lil hinn mill-valur artistiku tagħha, u jidħol element qawwi ta' fidi.

It-tieni aspett li jolqtok fil-vara huwa l-qagħda u l-ilbies tagħha, li mingħajr dubju jagħtu impressjoni ta' kobor ta' sultana, li taf iġġorr l-ilbies li juri setgħa u kobor mingħajr ma togħla aktar mis-Salib. Id-delikatezza tas-swaba' ta' idha mas-salib ikomplu jagħtu aċċent lil dan il-ħsieb ta' Psaila. L-istess dettalji tal-libsa tagħha jdaħħluna fl-epoka tal-Kristjaneżmu ta' żmenijietha u ta' binha Kostantinu, filwaqt li l-kuruna u t-tiżjin li jikkumplementa l-vara jkomplu jenfasizzaw il-kobor totali ta' mara li Alla afdala l-missjoni tas-sejba tas-Salib li bih feda d-dinja. Hu minħabba f'hekk li hemm rabta unika bejn il-vara ta' Sant'Elena u l-misteru tal-Għid il-Kbir, l-aktar ma' dawk il-ġrajjiet straordinarji tal-passjoni u tal-mewt tal-Mulej Ġesù.

## Il-vara fil-purċissjoni



Bħall-liturġija li tintuża' fil-festi tal-qaddisin, hemm it-Tridu, l-Għasar Solenni lejliet u f'nhar il-festa, it-Transulazzjoni bir-relikwija tal-qaddisa fl-ewwel Għasar Solenni, il-martiroloġju u l-purċissjoni bil-vara ta'Sant'Elena f'nhar il-festa, segwiti b'quddiesa prepositali wara d-dħul tal-vara, u r-reposizzjoni tar-relikwija tal-qaddisa wara t-Tieni Għasar il-Ħadd filgħaxija. Bla dubju, f'Birkirkara għad għandna tradizzjoni qawwija ta' attendenza fil-funzjonijiet reliġjużi kemm lejliet u f'nhar il-festa, u b'xorti tajba qed tiżdied l-attendenza fit-tridijiet, b'mod speċjali f'dawn l-aħħar snin. Jibqa' l-fatt li l-akbar attendenza fil-festi f'ġieħ Sant'Elena tkun dik tal-purċissjoni l-Ħadd filgħodu, meta l-vara ta' Sant'Elena tintrefa' fuq spallejn felħana ftit minuti qabel it-tmienja ta' filgħodu, sakemm jitfaċċa l-ewwel stendard u fl-aħħar, ftit wara t-tokki tat-tmienja fost id-daqq tal-qniepen u l-ferħ tal-poplu, titfaċċa l-vara fil-bieb prinċipali ħalli tgħaddi mit-toroq ewlenin tal-purċissjoni.

Il-vara fit-toroq għandha tifsira partikulari. Il-purċissjoni tagħha tibda mill-Knisja, it-Tempju ta' Alla, u tispiċċa fl-istess Knisja. Bħala nisranija, Sant'Elena – permezz tax-xbieha tagħha – tfakkarna li ħajjitna hija wkoll purċissjoni mingħand għal għand Alla l-Missier. Għalkemm dan ma jkunx aspett qawwi fil-mod ta' kif niċċelebraw il-festa f'ġieħ Sant'Elena, ma hemm xejn aktar qawwi mill-messaġġ tal-festa tagħna li għandu jfakkarna dwar il-vjaġġ veru u l-aktar importanti f'ħajjitna: it-tmiem tal-vjaġġ tagħna, li jrid isir permezz tal-mewta fiżika ta' ġisimna, se jwassalna sabiex ingawdu mill-benefiċċji li offrielna Alla l-Missier bil-mewt ta' Ibnu Ġesu' Kristu.

Il-vara fil-purċissjoni tista' tfakkarna wkoll f'ċerta superfiċjalità tal-fidi tagħna, li nonqsu milli naħsbu fil-messaġġ veru tal-Evanġelju u nagħtu aktar enerġija għall-festi esterni, li jinkludu baned, armar, nar u bejgħ ta' ikel u xorb. Ara ma taħsbux li jien kontra ċelebrazzjonijiet xierqa u dinjitużi li joħolqu atmosfera soċjali u kulturali li jsaħħu l-għaqda u jippromwovu atmosfera ta' ferħ bejnietna l-Karkariżi! Iżda tkun ħasra jekk dawn jegħlbu fil-qawwa tagħhom lill-ispiritwalità tal-festa. Permezz ta' bilanċ xieraq, kull festa – inkluża dik ta' Sant'Elena – tkun mezz ta' ferħ ġenwin li jdewwaqna s-sbuħija li nsibu anke wara l-purċissjoni tagħna f'din l-art.

Il-vara, li hija xbieha tant għażiża għalina minħabba li tfakkarna fil-patruna tar-raħal, tgħaddi minn toroq kemm dojoq u oħrajn wesgħin, kif wara kollox, irridu nagħmlu aħna matul ħajjitna. Kultant irridu ngħaddu minn mumenti diffiċli (toroq dojoq li jirrappreżentaw id-diffikultajiet nħabbtu wiċċna magħhom) u drabi oħrajn induqu mumenti ta' hena li jagħtuna sodisfazzjon (toroq wesgħin, li jġibulna l-paċi u s-sliem f'ħajjitna). Iżda tgħaddi minn fejn tgħaddi l-vara, hemm spirtu ta' ferħ kontinwu għaliex fis-sinjal li ġġorr b'tant rispett f'idha hemm dak li San Pawl ġabar fi ftit kliem: "Li kieku Kristu ma qamx mill-mewt, fiergħa kienet tkun il-fidi tagħna." Fil-fatt, is-salib imqaddes f'idejn il-vara huwa vojt: ma fihx imsallab miegħu il-ġisem qaddis tal-Feddej, għaliex dak qam u qed isaltan fuq id-dnub li jġib il-mewt.

## Is-sens tas-salib f'id il-vara

Is-Salib li jitpoġġa b'tant attenzjoni eżattament meta l-vara tinħareġ min-niċċa tagħha sabiex titpoġġa fuq il-bradella għall-jiem tal-festa huwa l-qofol tal-festa li niċċelebraw f'ġieħ il-padruna. Is-Salib jagħti sens lill-vara. Mingħajru Elena ma tilħaqx il-kobor li jistħoqqilha tassew, hekk li narawha fost l-erba' statwi majestużi li jżejnu l-altar papali fil-Bażilika ta' San Pietru ġewwa Ruma. Fil-Kotba Mqaddsa, hemm diversi siltiet li jitkellmu dwar is-Salib Imqaddes u l-importanza tiegħu, b'mod partikulari f'żewġ ittri ta' San Pawl lil Korintin u lil Kolossin.

L-Appostlu San Pawl jgħallem lil Korintin fl-ewwel ittra li ndirizzalhom (1: 17) illi l-missjoni tiegħu ma kienitx il-magħmudija, iżda li jxandar il-kelma tal-evanġelju, u mhux bi kliem uman mimli bl-għerf, għax inkella s-salib ta' Kristu jitlef il-qawwa tiegħu. Imbagħad (1: 18) San Pawl jgħid li l-messaġġ tas-salib huwa bluha għal dawk li ser jintilfu, iżda li huwa l-qawwa ta' Alla għalina li qed niġu salvati. Kemm huwa sabiħ il-kliem ta' dan l-Appostlu fl-istess ittra (1: 22, 23, 24) meta jitkellem dwar il-Lhud li kienu jitolbu s-sinjali tal-mirakli, il-Griegi li fittxew l-għerf, u 'aħna li nippriedkaw lil Kristu msallab.' It-twemmin tagħna fl-Imsallab huwa ta' tfixkil għall-Lhud u ta' bluha għall-pagani. Iżda għal dawk li sejjaħ Alla, kemm Lhud u kemm Griegi, is-Salib huwa l-qawwa u l-għerf ta' Alla. Fit-tieni kapitlu tal-istess ittra li San Pawl kiteb lil Korintin, isostni magħhom li huwa ma jaf xejn u li ma ippriedkalhom xejn ħlief lil Ġesu' Kristu u Lilu Msallab (2 Korintin, 2: 1-5).



Fl-ittra tiegħu lill-Efesin, San Pawl ifakkarhom li bid-demm ta' Kristu Msallab, dawk li xi darba kienu 'l bogħod minn Alla issa ġew qribu (Efesin 2: 11). Tliet vrus wara, jitkellem dwar ir-rikonċiljazzjoni bejn Alla u l-bnedmin permezz tas-salib.

Meta kien qed ikellem lil Kolossin, f'wieħed mill-isbaħ passaġġi tal-Ġdid Testment, Pawlu 'jiddefenixxi' lil Mulej Ġesù b'mod l-aktar ċar bħala x-xbieha ta' Alla li ma jidhirx,



l-ewwel fost il-ħolqien, dak li biH kollox kien maħluq fis-sema u fl-art, dak li huwa qabel kollox u li fiH kollox jinżamm. Fl-aħħar biċċa ta' din is-silta, San Pawl jgħid li Alla "pemrezz tiegħu irrikonċilja kollox miegħu innifsu, kemm ħwejjeġ fuq l-art u ħwejjeġ fis-sema, billi ġab il-paċi permezz tad-demm tiegħu, li xerred fuq is-salib." B'mod l-aktar deskrittiv, San Pawl jindirizza lill-istess Kolossin (2, 14-15) u jippridkalhom li Ġesu "ħassar il-kodiċi miktuba, bir-regoli tagħha, li kienet kontrina; huwa ħadha lil hinn, billi sallabha mas-salib. U wara li żarma s-setgħat u l-awtoritaijiet, għamel minnhom spettaklu billi rebħilhom permezz tas-salib."

Is-Salib Imqaddes huwa l-aktar sinjal prezzjuż fil-vara ta' Sant'Elena għaliex huwa l-għajn tal-ħelsien li Alla nnifsu ta lil kull bniedem permezz ta' Ibnu Ġesù.

## Konklużjoni

Bir-raġun kollu wieħed jikkonkludi li l-Karkariżi għandhom tassew biex jiftaħru u jħossuhom kburin fil-175 Anniversarju ta' meta l-kapolavur ta' Salvu Psaila iddaħħal għall-ewwel darba fit-tempju sabiħ tal-Kolleġġjata, bini dehen li jkun tassew it-tempju ta' Alla. Minbarra l-valur tal-vara fiha nnifisha, dak li tfisser il-vara huwa ta' valur imprezzabbli: dak li ta rebħa imprezzabbli lil Kostantinu, jiġifieri s-Salib Imqaddes, qed turih dejjem Ommu u Ommna Sant'Elena sabiex tibqa tfakkarna li: ***In hoc signo vinces*** **– B'DAN IS-SALIB TIRBAĦ**.

# Talba lil
# SANTA ELENA
## Patruna ta' Birkirkara

O qaddisa Elena, Patruna tagħna mill-aktar maħbuba. Inti li minn qalbek ħabbejt is-Salib u b'rieda sħiħa u b'perseveranza erojka mxejt fuq il-passi ta' Kristu Ġesù, waqt li fittixt dejjem li tbati għalih. Bit-talb siewi tiegħek, aqlagħli mingħand il-Mulej, il-grazzja li jien ukoll inkun veru dixxiplu ta' Ġesù, billi bħalu u sal-aħħar nimxi warajh, waqt li nġorr is-Salib tiegħi ta' kuljum, biex hekk nasal fiż-żgur fil-hena ta' dejjem fis-sema. Ammen.

Missierna, Sliema u Glorja

*Bis-sensja tal-Knisja*